MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 184/2014/1

**David u Isabelle konjugi Bonett**

**v.**

**Sueanne u Jason konjugi Vella**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat fit-23 ta' April 2014 li permezz tieghu u ai termini tal-Artikolu 266 tal-Kap.12 ir-rikorrenti qed jitolbu l-ezekuzzjoni provvizorja tas-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti kkundannat u ordnat lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn, disgha u tletin elf u tmien mitt Euro (€239,800) bl-imghaxijiet u bl-ispejjez relattivi.

Ir-rikorrenti rrilevaw li huma kienu talbu u ottjenew zewg mandati ta' inibizzjoni bin-numri 558/12 u 1218/12.

Jghidu wkoll li hemm pendenti proceduri ta' subbasta kontra l-intimati minn kredituri ohrajn, cioe` Gaetano Bonnici, u s-socjeta` Vanmar Company Limited li dahlet ko-partecipi fl-atti tal-istess subbasta, u dan apparti mill-Avukat Dottoressa Abigail Critien u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li dahhlu fl-istess subbasta ghall-hlas tad-drittijiet professjonali taghhom.

Ir-rikorrenti jsostnu li *"il-kreditu ta' dawn it-terzi huwa wiehed li jista' facilment jigi kkonsidrat bhala wiehed zghir meta komparat mal-kreditu li ghandhom ir-rikorrenti skont is-sentenza appellata"* u, fil-kaz li l-proprjeta` msemmija fis-

subbasta tigi liberata, l-intimati ser jigu pregudikati rrimedjabbilment b'dan li mhux ser ikollhom proprjeta` fuq xhiex jesegwixxu l-kreditu taghhom u dan anke in vista tal-fatt li garaxx iehor proprjeta` tal-intimati ghandu jigi trasferit lil terzi skont sentenza li ghaddiet f'gudikat.

Fir-risposta taghhom l-intimati affermaw li jekk t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha l-pregudizzju li ser isofru l-intimati ser ikun akbar minn dak tar-rikorrenti, u jispjegaw li jekk tintlaqa' t-talba tali ezegwibilita` ser tfixkel u tikkomplika l-andament tas-subbasta.

Inoltre l-intimati jghidu li fil-kaz li s-sentenza appellata tigi varjata jew revokata jkun difficli ghall-intimati li jirkupraw is-somma jew parti tas-somma li tkun hallset lir-rikorrenti.

Din il-Qorti tosserva li mill-atti tas-subbasta numru 113/12 fl-ismijiet **Gaetano Bonnici v. Jason Vella**, apparti mill-kredituri indikati fir-rikors odjern, ippartecipa bhala ezekutant anke l-Bank of Valletta li b'nota guramentata prezentata fil-11 ta' Settembru 2014 afferma li hu ghandu kreditu kontra l-intimat b'ipoteki li jippregradwaw dak ta' kwalsiasi kreditu iehor, liema ipoteki huma indikati fl-istess nota guramentata. Dan il-kreditu jammonta ghal seba'

mija, sebgha u disghin elf, erba’ mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u sittin centezmi (€797,429.67).

Inoltre l-mandati fuq indikati jkopru l-proprjeta` 200 Dar il-Palma Triq Vincenzo Ciappara Mellieha li dwarha hemm il-proceduri tas-subbasta li fiha ppartecipaw kredituri ohrajn fosthom il-Bank of Valletta li talab li f’dawk il-proceduri joffri *animo compensandi* ghal-kreditu sostanzjali tieghu fil-konfront tal-intimati.

Minn dak li jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti ezaminati minnha, jidher li r-raguni ghat-talba tar-rikorrenti hi l-possibilita` li jekk jigu sodisfatti l-kredituri l-ohra ma jkunx hemm fondi bizzejjed sabiex jithallas dak dovut lilhom.

Il-Qorti tosserva li l-Artikolu 266 tal-Kap. 12 huwa intiz sabiex, fir-relazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur, jilqa’ ghall-kazijiet fejn jekk ma ssirx l-ezekuzzjoni provvizorja ta’ sentenza appellata, il-kreditur rikorrent isofri pregudizzju akbar minn dak li jsofri d-debitur l-intimat jekk ma ssirx tali ezekuzzjoni. Izda dan l-pregudizzju ma jkoprix dak li l-kreditur jista’ jsofri mill-fatt li jkun hemm konkorrenzza ta’ kredituri ohra li t-titolu taghhom jista’ jippregradwaw qabel tieghu.  Fi kliem iehor dan l-artikolu tal-ligi mhuwiex intiz sabiex kreditur jaqbez illegalment lill-kredituri l-ohra li jista’ jkollhom titolu aqwa u li jippregradwa dak tal-kreditur u b’hekk tigi stultifikata l-ligi li tirregola l-konkorrenza bejn kredituri, b’dannu lid-drittijiet ta’ dawn il-kredituri.

Cioe`, il-pregudizzju potenzjali li minnu jilmentaw ir-rikorrenti ma jemanax verament min-nuqqas ta' ezekuzzjoni tas-sentenza appellata izda mill-fatt li hemm kredituri ohra tal-intimati li jippregradwaw dak tar-rikorrenti u dan ma hux ix-xorta ta' pregudizzju li l-ligi trid thares bir-rimedju previst fl-Artikolu 266 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, peress li r-rikorrenti ma pprovawx li huma ser isofru pregudizzju tali li jaghti lok li s-sentenza appellata tigi dikjarata esegwibbli provizorjament skont l-Artikolu 266 tal-Kap. 12, tichad it-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------